OPM.1275/65

No.437

KAMRA TAD-DEPUTATI
26 ta' Jannar, 1965.

Mr Speaker

Fis-Seduta tat-30 ta' Ottubru, 1964, il-Kamra nnominat Kumitat Magħżul biex jagħmel rakkomandazzjonijiet, fi żmien tliet xhur minn dik id-data, li fuqhom jiġu preskritti l-"Minimum Wage" u l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol ta' dawk il-ħaddiema li ma humiex ġa milħuqa minn Regulamenti taħt Wages Councils.

Il-Kumitat ġie awtorizzat li jitlob il-produzzjoni ta' dokumenti u li jordna l-attendenza ta' xhieda permezz ta' mandat iffirmat minn l-Iskrivan.

Fl-istess seduta tal-Kamra, l-Onor. Dr A. Cachia Zammit, Ministru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali, ġie nominat President tal-Kumitat u fl-ewwel seduta tal-Kumitat il-President ġie konfermat. L-Aġent Skrivan tal-Kamra ġie nominat Skrivan tal-Kumitat.

Is-Sur Rosario Sammut, ta' l-Uffiċċju tax-Xogħol, billi seta' jkun ta' għajnuna lill-Kumitat minħabba fl-esperjenza tiegħu fil-materja tal-pagi u xogħol tal-ħaddiema, ġie mħolli jattendi għal xi seduti.

Ġie deċiż illi l-istenografu jirreġistra biss id-deċiżjonijiet li jittiendu.

Il-Kumitat innota li l-ħaddiema li dwarhom kellu jieħu ħsieb kienu, parti minnhom, mhux milquta bl-ebda Liġi jew Regolament, waqt li oħrajn kienu milquta bl-Ordni Nru. VII ta' l-1939, li kif wieħed jista' jaħseb kellu bżonn ta' reviżjoni estensiva.

Il-Kumitat iltaqgħa għal 12-il darba. Ġew eżaminati dokumenti miġjuba mill-President u minn xi xhieda.

/Fit-tieni ....

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Fit-tieni seduta tiegħu, il-Kumitat iddeċieda, wara li eżamina sewwa l-kas, li l-paga u kondizzjonijiet tax-xogħol tas-servizz domestiku li kien jimmerita studju speċjali u dettaljat minħabba n-natura <u>sui generis</u>, kellhom jigu eżaminati u ffissati minn Wages Council nominat apposta. Il-Kumitat għalhekk irrakomanda lill-Kamra permezz ta' Rapport Preliminari prezentat fis-27 ta' Novembru, 1964, biex jittieħdu l-passi meħtiega fi żmien qasir għan-nomina ta' dan il-Wages Council. Il-Kamra laqgħet favorevolment dan ir-Rapport tal-Kumitat fuq is-servizz domestiku dik inhar stess meta gie prezentat mill-President. Il-Kumitat jinnota bi pjaċir li l-Wages Council dwar is-Servizz Domestiku gie kostitwit.

Il-Kumitat sema' x-xiehda bil-Guramentt ta' 27 proprjetarju ta' ditti li jħaddmu nies magħhom. Dawn ix-xhieda kienu jirrappreżentaw bejniethom 14-il ditta differenti. Instemgħu wkoll bħala xhieda is-Sur Salvino Mizzi fil-kapaċita' tiegħu ta' Industrial Development Secretary, u s-Sur Joseph Schranz bħala Director of Trade.

Giet eżaminata t-talba tal-Malta Union of Pharmacists biex jagħtu x-xiehda tagħhom, iżda billi s-salarju ta' l-ispizjara mpjegati huwa regolat mill-Wholesale and Retail Wages Council, il-Kumitat ma setax jismagħhom.

Wara eżami bir-reqqa tax-xiehda kollha mogħtija, tad-dokumenti migjuba, kif ukoll konsiderazzjoni bil-għaqal taċ-ċirkostanzi kollha tal-ħaddiem fis-Soċjeta' tal-lum, il-Kumitat wasal għal konklużżjoni li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li gejjin imqassma hekk:

I. PAGI
II. SIGHAT TA' XOGHOL
III. KONDIZZJONIJIET TAX-XOGHOL:

a) Vakanzi mħallsa;
b) Vakanzi minħabba mard;
c) Vakanzi minħabba mewt.

/<u>I. PAGI</u> ....

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

I. PAGI

i. Ghal ragel ta' 19-il sena u fuqhom

Minn gurnata li tkun stabbilita, dawk l-irgiel ta' 19-il sena u fuqhom li jkunu ga jahdmu ma jkunux jistghu jithallsu anqas minn £6 fil-gimgha.

Minn dik il-gurnata stabbilita, min jimpjega ragel li jkun ghalaq 19-il sena ma jistax itiegh anqas minn £5.10. ghall-ewwel sitt xhur. Jekk jibqa' jahdem ma' l-istess employer, wara sitt xhur huwa ghandu jkollu mhux anqas minn £6 fil-gimgha. Jekk employer jerga' jimpjega persuna li ga kienet tahdem mieghu li kienet halliet l-impjeg mhux bil-kunsens taghha, dak il-perijodu li tkun ga hadmet qabel jigi maghdud mas-servizz sussegwenti ghall-finijiet tas-sitt xhur kontinwi biex tithallas il-minimu wage ta' £6 fil-gimgha.

ii. Ghal ragel ta' taht id-19-il sena

Ghal dawk ta' taht id-19-il sena il-paga ghandha tigi iffissata mill-eta' ta' 16-il sena.

Persuna ta' 16-il sena meta tigi mpjegata ghandha tircievi mhux anqas minn £3 fil-gimgha. Din il-persuna tizdied b'10s/- kull sitt xhur sakemm tasal ghal £6 fl-eta' ta' 19-il sena.

Il-pagi ta' rgiel minn 16 sa 19-il sena ghandhom jigu regolati hekk:

Minn 16-il sena sa 16½, mhux anqas minn £3. 0.fil-gimgha
Minn 16½ sa 17-il sena mhux anqas minn £3.10.fil-gimgha
Minn 17-il sena sa 17½ mhux anqas minn £4. 0.fil-gimgha
Minn 17½ sa 18-il sena mhux anqas minn £4.10.fil-gimgha
Minn 18-il sena sa 18½, mhux anqas minn £5. 0.fil-gimgha
Minn 18½ sa 19-il sena mhux anqas minn £5.10.fil-gimgha

/ iii. .....

iii. Pagi tan-nisa

Il-paga tan-nisa ghandha tkun ta' 2/3 dik ta' rgiel.

II. SIGHAT TA' XOGHOL

Persuna f'impjeg regulari ghandu jkollha hlas garantit ghal-gimgha ta' 48 siegha, imqassma fuq mhux aktar minn 6 ijiem. Gurnata ma tkunx ta' aktar minn 9 sighat xoghol, barra s-sahra.

III. KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGHOL

a) Vakanzi mhallsa

Ghandu jkun hemm lista ta' 18 il-gurnata u zewg nofs-ta' nhari fil-granet tal-Karnival, li minnhom l-employer u l-impjegat, bi ftehim bejniethom, jaghzlu 12 il-gurnata ta' vakanzi mhallsa.

Il-Lista tkun hekk:

1 ta' Jannar;
6 ta' Jannar (It-Tre Re);
10 ta' Frar (San Pawl);
19 ta' Marzu (San Guzepp);
Lapsi;
Il-Gimgha l-Kbira;
Korpus Kristi;
29 ta' Gunju (L-imnarja);
15 ta' Awissu (Santa Marija);
1 ta' Novembru (Qaddisin Kollha);
8 ta' Dicembru (Il-Kuncizzjoni);
25 ta' Dicembru (Il-Milied);
Zewg nofs ta' nhari fil-Karnival;
1 ta' Mejju (San Guzepp Haddiem);
24 ta' Mejju (Commonwealth Day);
Gunju, Queen's Birthday;
8 ta' Settembru (Jum Nazzjonali);
21 ta' Settembru (Jum l-Indipendenza).

/Minbarra .....

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Minbarra dawn it-12-il ġurnata, il-ħaddiem għandu jkun intitolat għal jumejn (2) vakanzi mħallsa fis-sena. Dawn iż-żewġ vakanzi jittieħdu hekk: waħda meta jiddeċiedi min iħaddem u l-oħra meta jrid il-ħaddiem.

b) <u>Vakanzi minħabba mard</u>

Il-ħaddiem għandu jkun intitolat għal 15-il ġurnata fis-sena vakanzi minħabba mard bil-paga sħieħa u 15-il ġurnata b'nofs paga. Il-benefiċċji pero' li jitħallsu lill-impjegat taħt il-Liġi ta' l-Assikurazzjoni Nazzjonali għandhom jiġu mnaqqsa mill-employer mill-paga sħiħa li soltu jħallas.

L-impjegat ikun meqjus bħala marid u jaqa' taħt is-Sick leave msemmi jekk ikun marid għall-mhux anqas minn tlett-ijiem konsekutivi u jipproduċi ċertifikat ta' tabib li jkopri n-nuqqas mill-ewwel ġurnata.

c) <u>Vakanzi minħabba mewt</u>

Il-ħaddiem għandu jkollu vakanzi mħallsa ta' jumejn f'kull każ ta' mewt fil-familja: i.e. ir-raġel, il-mara, l-ulied, l-aħwa, l-omm u l-missier.

<u>CASUALS</u>

Il-paga ta' ħaddiem "casual" għandha tkun kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Sa sagħtejn xogħol | 10/- |
| ii. | 'Il fuq minn sagħtejn sa erba' sigħat u nofs xogħol | 12/- |
| iii. | 'Il fuq minn erba' sigħat u nofs | £1. |

Il-Kumitat hu ta' l-opinjoni illi dawn ir-rakkomandazzjonijiet meta jiġu fis-seħħ għandhom ikunu infurzati strettament.

Il-Kumitat qata' li t-traskrizzjoni ta' l-istenografu tax-xhieda li ġew quddiemu ma tifformax parti minn dan ir-Rapport minħabba n-natura konfidenzjali ta' dettalji rigwardanti d-ditti tagħhom. Il-Minuti tas-Seduti u dokumenti oħra huma annessi.

/Fl- .....

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Fl-ahhar nett il-Kumitat jirringrazzja lill-Iskrivan tieghu u lil dawk kollha li ghenuh biex wasal unanimament ghar-rakkomandazzjonijiet hawn maghmula, skond l-inkarku moghti lilu mill-Kamra.

(Dr A. Cachia Zammit)
President

(Dr Philip Saliba)

(T. Pellegrini)

(Dr A. Bonnici)

(Dr B. Camilleri)

(Dr J. Micallef Stafrace)

(L.Sant)

(Louis P. Tortell)
Skrivan tal-Kumitat

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA